Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 74

Data tal-laqgħa: 26 ta' Frar 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

74.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

74.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 73. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

74.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier SG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 74.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

74.3.1.1 <u>Para 73.3.1 – Dawl dekorattiv</u>
Is-SE infurmat li l-*covers* tal-kuluri waslu u l-ħaddiema tal-Kunsill qed jaqtgħuhom skond il-qisien tad-dwal tal-akwadott.

74.3.1.2 Dwar id-dawl mal-arbli tal-bnadar tal-pjazza, is-SE infurmat li qed tistenna *feedback* mill-*electrician* ġie jara dwar x'jista' jsir.

74.3.2 <u>Para 73.3.2 – *Residential Parking Scheme*</u>
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta. Is-Sindku talab li nibgħatu *reminder* lill-AKL.

74.3.3 <u>Para 73.4.2 – *Portal* 'Strada Rjali'</u>
Is-Sindku infurma li l-*video* fuq il-lokalità sar u jinsab fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u fuq il-*portal* 'Strada Rjali.'

74.3.4 <u>Para 73.4.3.1 – Ilmenti fuq Wied Ħal Balzan</u>
Fuq l-ispralli ta' Wied Ħal Balzan, is-Sindku infurma li għaddejna l-ilment lill-*Public Works Department* (PWD) peress li dawn l-ispralli jiffurmaw parti minn NFRP. Oriġinarjament il-PWD qalu li dawn l-ispralli mhumiex tagħhom, però bħala Kunsill spjegajnielhom għal liema spralli qed nirreferu u qed nistennew risposta. Dawn hemm bżonn li jiġu mnaddfa u rranġati għax qed iċekċku.

## 74.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

74.4.1.1 <u>Xiri ta' vann elettriku – BLC 01/2023</u>
Is-Sindku infurma li, flimkien mas-SE kellhom laqgħa mal-fornitur tal-vann elettriku, Motors Inc. Is-Sindku qal li l-kunsinna kellha ssir f'Diċembru 2023. F'din il-laqgħa ġejna nfurmati li l-ordnijiet tal-2023 ġew ikkanċellati għax ħareġ mudell ġdid (2024). Infurmaw li jekk dejjem kollox kif previst, jekk il-Kunsill jaqbel, il-vann forsi jasal f'Mejju 2024.

74.4.1.2 Il-Kunsill iddiskuta u ġie approvat li tiġi kkanċellata l-ordni tal-vann (9 *seater*). Ġie rrimarkat li l-Kunsill m'għandux bżonn vettura kbira daqshekk għax is-servizz tax-*shuttle* li joffri preżentament il-Kunsill, ma jkunx hemm aktar minn 3 persuni kull darba.

74.4.1.3 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament kien hemm qbil li tinħareġ sejħa oħra (*accelerated*) għax-xiri ta' 5 *seater* SUV elettrika li tkun disponibbli b'mod immedjat.

## 74.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

74.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 74.6 Rapporti

74.6.1 Pjan ta' Ħidma 2024-2028

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma 2024-2028. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

74.6.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 74.7 Skemi Finanzjarji

74.7.1 Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2024 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2024 / 2025

Is-SE infurmat li l-applikazzjoni biex jiġi restawrat is-Salib li hemm fejn l-MFSA ġiet sottomessa.

74.7.2 Skema Finanzjarja LESA – Proġetti fil-Komunitajiet 2024

Is-SE infurmat li l-applikazzjoni biex isiru bankini ġodda fi Triq iz-Zekkuk ġiet sottomessa.

74.7.3 Reġjun Tramuntana – Skema Finanzjarja għall-Proġetti ta' Kulturali u Artistiċi

Ġiet innutata Skema Finanzjarja fejn ir-Reġjun qed jalloka s-somma ta' €20K għall-proġetti Kulturali u artistiċi fil-lokalità. Dan il-fond irid jiġi utilizzat sat-30 ta' Novembru 2024. Din l-iskema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

74.7.4 Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2024 – Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Xogħlijiet għal żvilupp ta' *Community Gardens* fil-lokalitjiet madwar Malta u Għawdex

Ġiet innutata Skema Finanzjarja SPI/SCI/01/2024 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex isir *herb garden* f'Wesgħa Ġiġi Gauci.

74.7.5 Ċirkulari Nru SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi

Ġiet innutata Skema Finanzjarja SPI/SCI/02/2024 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex issir produzzjoni professjonali ta' filmat informattiv (Malti u Ingliż) dwar kif taħli inqas dawl / ilma, timmaniġġja l-iskart fid-dar, etc.

74.7.6 Ċirkulari Nru SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa

Ġiet innutata Skema Finanzjarja SPI/SCI/03/2024 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal din l-inizjattiva biex issir *Clean-Up* tal-passaġġ ta' Triq l-Imdina.

74.7.7 Ċirkulari Nru SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024 / 2025

Ġiet innutata Skema Finanzjarja SPI/SCI/05/2024 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal din l-iskema biex fis-16 ta' Frar 2025 terġa' ssir l-attività ta' Jum San Valentinu.

## 74.8 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

74.8.1 Triq Sisner

Is-Sindku infurma lix-xogħlijiet fi Triq Sisner huwa wieqaf peress li sabu problema fil-konnettività tad-drenaġġ fil-kantuniera ma' Triq San Valentin.

74.8.2.1 Triq San Franġisk

Is-Sindku talab li nibgħatu lill-kuntrattur biex jipprovdulna indikazzjoni ta' meta qed jippjanaw li jlestu l-biċċa t'isfel minħabba *traffic diversions*.

74.8.2.2 Is-Sindku infurma li bagħat ilment lill-Perit ta' IM dwar sprall li għamlu viċin l-iskola peress li mhux allinjat mal-bankina. Il-Perit ta struzzjonijiet lill-kuntrattur biex jirranġah u nfurmah li dawn it-tip ta' spralli ma jistgħux jiġu wżati fl-ebda triq.

74.8.2.3 Il-Perit ta' IM issuġġerixxa li l-parti ta' fuq issir *one-way* biex tiġi bħal kumplament tat-triq (tinżel l'isfel biss). Il-Kunsill iddiskuta, fejn kien hemm qbil li jrid isir studju ħolistiku u mhux fuq triq waħda partikolari. Il-Kunsillier AG ressaq numru ta' punti validi fuq *Traffic Management,* li jridu jiġu diskussi fid-dettall.

74.8.3.1 Triq Idmejda

Is-Sindku infurma li fuq talba tar-residenti tal-ewwel parti tat-triq, il-kaptelli tad-drenaġġ reġgħu saru tal-metall peress li bil-mod li jitilgħu il-karozzi fuq il-bankina jekk isiru tal-konkos jinkisru mill-ewwel.

74.8.3.2 Is-Sindku infurma li resident għandu numru ta' kwistjonijiet dwar il-mod kif qed issir il-bankina quddiemu u se jkun qed jelenka dawn il-kwistjonijiet permezz tal-Perit tiegħu.

74.8.3.3 Is-Sindku qal li xi resident qed jilmentaw peress li qed jgħidu li l-bankina ma saritx dritta (qisha bil-mewġ). Il-Perit ta' IM infurma li l-bankina saret b'dan il-mod biex ma tiġix dritta mal-għatba tad-djar minħabba *flooding*. Il-Kunsill qabel li nieħdu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill.

74.8.4 Triq il-Kbira

Is-Sindku qal li qed nistennew data għal-laqgħa ma' persuna mill-Ministeru ta' Dr Chris Bonett dwar il-problema ta' *flooding* u l-proposta tal-i*Storm Water System.*

74.8.5.1 Issemmiet il-problema li nqalgħet is-Sibt minħabba numru ta' *road closures* fil-lokalità, Is-Sindku qal li l-parti l-kbira tal-problema nħolqot minn *crane* li għalaq il-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira mingħajr permess. Dan ħoloq konfużjoni sħiħa. Is-Sindku qal li bħala Kunsill għamilna rapport, fejn b'mod diżappuntanti r-rispons li rċievejna mill-Pulizija huwa li ma jistgħu jagħmlu xejn.

74.8.5.2 Dwar dan l-inċident, is-Sindku infurma li resident qallu li apparentament il-Pulizija li kien fuq il-post u beda jgħid lin-nies li bdew igergru: 'morru għidu lis-Sindku, hu jrid jgħidilkom minn fejn se tgħaddu issa!.' Is-Sindku qal li jispera ħafna li dan mhux vera seħħ għax huwa estremament diżappuntanti li jekk dan li qallu r-resident huwa minnhu.

74.8.5.3 Is-Sindku infurma li bħala Kunsill ktibna pubblikament għal koordinazzjoni aħjar. Il-Kunsillier AG issuġġerixxa li jitwaħħlu tabelli fejn l-HSBC ta' Naxxar Road, B'kara biex is-sewwieqa jkunu avżati minn qabel li l-aċċess għal Triq Papa Urbanu VII huwa magħluq. B'dan il-mod, nevitaw numru kbir ta' vetturi li qed jaslu sa Triq il-Kbira u jsibu t-triq magħluqa. Dwar dan ser niktbu lill-Kunsill Lokali ta' B'kara.

## 74.9 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

74.9.1 Antoine Camilleri

Il-Kunsillier SG issuġġerixxa li jiġi kkommemorat il-pittur Antoine Camilleri. Ġie deċiż li jiġi ċċekkjat x'rabta għandu mal-lokalità.

74.9.2.1 Gabriel Caruana

Il-Kunsillier AG ippreżenta pittura mpinġija mit-tifel tiegħu. Din il-pittura tikkommemora numru ta' pitturi mpinġija minn Gabriel Caruana. Il-Kunsillier AG infurma li se jkun qed jinkwadra din il-pittura u jagħtiha lill-Kunsill. Il-Kunsillier AG qal li jekk din il-pittura tingħoġob mill-familja ta' Gabriel Caruana, it-tifel tiegħu lest li jirriproduċiha bħala *mural* mingħajr ħlas.

74.9.2.2 Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier AG u lit-tifel tiegħu ta' din l-inizjattiva, li hija ġest sabiħa ħafna. Il-Kunsill ser ikun qed ikellem lill-familjari ta' Gabriel Caruana sabiex jagħtu permess biex din il-pittura ssir bħala *mural* mal-ħajt ta' mal-Għassa.

74.9.3 Konti Bernardo Manduca

Peress li l-Konti Manduca kien jgħix Villa Macedonia, il-Kunsillier AG issuġġerixxa li ssir plakka tal-irħam u *bust* ċatt mal-ħajt din il-villa. Il-Kunsill qabel u se nitolbu permess mis-sid ta' Villa Macedonia.

74.9.4 Mons. Dun Ġwann Dimech

Kien hemm qbil li l-*bust* ta' Mons. Dun Ġwann Dimech isir fit-*traffic island* ta' Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal. Se niċċekkjaw mal-Perit dwar jekk għandniex bżonn xi tip ta' permessi u jindika x'qis jista' jsir il-*bust* fit-*traffic island* ta' Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal, sabiex inkunu nistgħu inġibu xi kwotazzjonijiet.

## 74.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

74.10.1.1 *Central Region Council LES Surplus Account*

Wara li s-SE staqsiet, Reġjun Lvant ikkonfermaw li l-kont li kien speċifikament miftuħ biex jiġu depożitati fondi tar-Reġjun Ċentru jista' jingħalaq peress li l-Kunsill m'għadux jifforma parti minn dan ir-Reġjun.

74.10.1.2 Il-Kunsill unanimament approva li jingħalaq dan il-kont u l-bilanċ jiġi depożitat fil-kont prinċipali tal-Kunsill.

74.10.2.1 <u>Talba biex terġa' teħel il-bozza (issa fuq arblu) fi Triq il-Karenza k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>

F'Jannar 2022, il-Kunsill kien approva li l-bozza teħel fuq arblu minflok mal-faċċata għas-spejjeż tar-resident. Ir-resident kien oġġezzjona permezz tal-avukat tiegħu li jħallas l-ispejjeż. Il-Kunsill kien ħa parir legali, fejn kien ġie kkonfermat li la darba kien is-sid li talab li titneħħa l-bozza, l-ispejjeż għandu jħallashom hu. Issa li tlesta l-iżvilupp, is-sid qed jitlob li terġa' tiġi installata l-bozza fuq arblu (oriġinarjament kienet mal-faċċata) quddiem il-binja.

74.10.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nieħdu parir mill-Avukat preżenti tal-Kunsill .

74.10.3.1 <u>Talba biex issir *zebra crossing* fi Triq il-Kbira</u>

Resident qed jitlob li ssir *zebra crossing* bejn Tikabu u l-ex-Dolphin Centre. Is-SE infurmat li l-Kunsill applika diversi drabi għal permess ma' TM, fejn it-talba dejjem ġiet rifjutata.

74.10.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nerġgħu nippruvaw napplikaw ma' TM.

74.10.4.1 <u>Talba għal *un/loading bay* f'Wied Ħal Balzan</u>

Sid ta' ħanut qed jitlob li ssir U*n/loading bay* faċċata ta' Triq it-Tliet Knejjes biex tintuża mill-ħwienet tal-viċinanzi, għax il-waħda li hemm eżatt faċċata tkun użata kważi l-ħin kollu.

74.10.4.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw ma' TM.

74.10.5 <u>Sessjonijiet taż-Zumba</u>

Għalliema taż-zumba avviċinat lill-Kunsill biex potenzjalment jiġu organizzati sessjonijiet għar-residenti. Il-Kunsill qabel li dawn is-sessjonijiet jiġu organizzati fil-*playing field*.

74.10.6.1 <u>Rifużjoni tad-depożitu għall-ħsara li tista' ssir lit-triq / bankina waqt xogħlijiet</u>

Is-SE infurmat li hemm akkumulat bilanċ ta' aktar minn €13k li jkopru permessi bejn l-2005 u l-2022 u s-sid / żviluppatur qatt ma talabhom lura. Is-SE talbet lid-DGL għal direzzjoni dwar x'se jsir b'dawn id-depożiti wara li ġibdu l-attenzjoni l-awdituri s-sena l-oħra.

74.10.6.2 Permezz ta' parir legali mgħoti lid-DGL, ġejna nfurmati li, la darba x-xogħlijiet tlestew u ma tkun saret l-ebda ħsara, dan id-depożitu għandu jiġi ritornat lura. Is-SE infurmat li saru spezzjonijiet u d-depożiti kollha ta' fejn tlestew ix-xogħlijiet u ma saret l-ebda ħsara, se jiġu rritornati lura.

74.10.6.3 Is-SE infurmat li qed tistenna parir mingħand l-avukat tal-Kunsill dwar x'se jsir minn 7 depożiti partikolari (li jmorru lura minn 2010 sa 2018), fejn ma rnexxilniex nagħmlu kuntatt mas-sidien peress lid-dettalji li għandna m'għadhomx validi.

74.10.7.1 <u>Kwotazzjoni għax-xiri ta' kabinett</u>

Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' 360 Retail Supplies Ltd li tammonta għal €356.95c għax-xiri ta' kabinett għall-kotba l-ġodda tal-librerija.

74.10.7.2 Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-familja tal-mibkija Monica Borg Olivier De Puget tad-donazzjoni ta' madwar 400 ktieb għal-librerija tal-Kunsill.

74.10.8 <u>*Dog Bin* f'Wied Ħal Balzan</u>

Is-SE infurmat li resident qed jitlob lid-*dog bin* il-ġdida li twaħħal fejn l-ex-Dolphin Centre jersaq għax twaħħal viċin il-*bus stop*. Il-Kunsill irrimarka li s'issa r-rispons tan-nies kien pożittiv u għalhekk ma qabilx li għandu jersaq.

74.10.9 <u>*Claim No. 03/2023*</u>

Ġiet innutata r-risposta tar-resident għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-talba għall-kumpens.

74.10.10 <u>Proposta minn TM - Vjal De Paule</u>

TM infurmaw lill-Kunsill li fi Vjal De Paule ma' Triq il-Ferrovija l-Qadima se ssir *roundabout* biex tiġi solvuta l-problema ta' *U-turns.*

74.10.11 <u>Kaptell tad-drenaġġ</u>

Is-Sindku talab li jiġi rranġat il-kaptell tad-drenaġġ imkisser li hemm quddiem dar mitluqa fejn il-Każin tal-PN.

## 74.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

74.11.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 02/24, li tinkludi l-ammont ta' €90.48c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2024.

74.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier AG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 74.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

74.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.20pm.

74.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2024 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |